MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 861/2014

**Thomas Zahra u martu Joan Zahra**

**Vs**

**Joseph Cassar u martu Alessandra Cassar**

Permezz ta' rikors prezentat fit-2 ta' Ottubru 2014, l-atturi ppremettew u talbu:-

*Illi l-esponent huwa bennej u gie inkarigat sabiex jezegwixxi xoghol ta' konverzjoni bini addizzjonali fuq razzett antik proprjeta' tal-konvenuti konjugi Cassar;*

*Illi peress illi x-xoghol imsemmi huwa ta' natura delikata u jirrikjedi iktar hin minn xoghol ta' bini gdid, il-partijiet ftehmu li minflok il-hlas isir skond il-kejl, isir bis-sengha, skond il-hin impjegat mill-esopnent u mid-dipendenti tieghu fuq il-lant;*

*Illi waqt illi x-xogholijiet kienu ghadhom ghaddejjin, inqalghet tilwima bejn il-partijiet dwar il-hlasijiet li kienu qed isiru, billi l-konvenuti Cassar bdew isostnu li kienu qed ihallsu ta' iktar sighat milli fil-fatt kienu qed jghidu;*

*Illi f'dan l-istadju, il-kovenuti konjugi Cassar inkarigaw lil perit taghhom sabiex ihejji stima esklussivament a bazi ta' l-informazzjoni provduta minnhom, liema stima ovvjament giet inferjuri hafna ghall-kontijiet li kienu thallsu sa dakinhar, b'mod illi skond tali stima l-konvenuti konjugi Cassar kienu hallsu Lm25,000 iktar mill-valur a bazi tas-sighat li kienu qed jigu approvati mill-istess konvenuti konjugi Cassar;*

*Illi f'dan l-istadju, il-konvenuti konjugi Cassar intavolaw ittra ufficjali ai termini ta' l-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u gara li lahaq skada t-terminu ghall-prezentata tan-nota responsive qabel ma' l-esponenti lahqu hadu parir legali;*

*Illi madanakollu, l-imsemmija ittra kienet irrita u nulla ghal zewg ragunijiet: 1) peress illi d-dejn pretiz ma kienx cert, likwidu u dovut izda kkontestat u likwidat biss minn perit ex parte, u 2) ghaliex fi kwalunkwe kaz l-ammont pretiz jissupera l-limitu massimu ta' €23,293.73 provdut fl-artikolu 166A;*

*Illi ghaldaqstant, ghalkemm l-esponenti ma kkontestawx fit-terminu originali l-ittra ufficjali imsemmija,huma kienu ghadhom fit-terminu previst mis-subinciz 5(ii) ta' l-istess artikolu 166A sabiex jimpunjaw it-titolu ezekuttiv ottenut mill-konvenuti konjugi Cassar a bazi tar-ragunijiet fuq imsemmija, izda fil-frattemp gara illi l-konvenuti konjugi Cassar irrinunzjaw minn rahom ghat-titolu ezekuttiv taghhom;*

*Illi tali rinunzja sehhet b'dan il-mod. Wara li giet intavolata l-ittra ufficjali fl-14 ta' Dicembru 2009, izda qabel ma' l-istess ittra saret ezekuttiva, il-konvenuti konjugi Cassar talbu l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex jinibixxu lill-esponenti milli bieghet id-dar taghhom. Dan il-mandat, Numru 10/2010, gie ntavolat fil-5 ta' Jannar 2010 u gie appuntat ghas-smiegh ghall-25 ta' Jannar 2010. Dan ifisser illi sa dakinhar tas-seduta, l-ittra ufficjali kienet diga' ezekuttiva;*

*Illi dakinhar tas-seduta, verbal anness u mmarkat bhala Dok GC, jidher illi l-fatt li kien hemm diga' titolu ezekuttiv ma giex imsemmi minn ebda parti, dan il-fatt kien iwassal biex il-mandat jigi michud, billi l-mandat mitlub kien kawtelatorju, izda jidher illi waqt is-seduta l-partijiet ittransigew parzjalment il-vertenza billi:*

*1) qablu li x-xogholijiet ivverbalizzati jitkomplew u jitlestew fi zmien tliet xhur;*

*2) qablu li jekk ikun hemm xoghol addizzjonali l-kundizzjonijiet relattivi ghandhom jigu miftiehma bejniethom;*

*3) qablu li wara li jitlesta t-tieni sular ghandhom isiru l-konteggi mill-gdid sabiex jigi stabbilit kemm jista' jkun fadlilhom jaghtu r-rikorrenti u l-intimati;*

*Illi biex ikun car illi l-partijiet kienu qed jittransigu parzjalment u jobbligaw ruhhom bil-verbal citat, il-partijiet iffirmaw personalment l-istess verbal u l-verbal originali ffirmat mill-partijiet gie anness mal-verbal dattiloskritt;*

*Illi successivament, l-esponent kompla x-xogholijiet u ezegwixxa xogholijiet li fil-fehma tieghu jiswew madwar €10,000, izda gara li meta gie biex jinghata l-konkos, il-konvenuti konjugi Cassar bdew jinsistu sabiex ikun l-esponent li jhallas ghalih mis-somma allegatament imhallsa zejda, mentri l-esponent baqa' jichad li thallsu somom zejda, gara ghalhekk illi l-konkos inghata a spejjez tal-konvenuti konjugi Cassar, izda li tqabbdu terzi sabiex ikomplu x-xoghol rimanenti;*

*Illi eventwalment, il-konvenuti konjugi Cassar, daqslikieku t-transazzjoni parzjali li sehhet ma kinitx tezisti, talbu l-bejgh taht l-awtorita' tal-Qorti tad-dar residenzjali ta' l-esponenti billi pprezentaw l-ittra ufficjali ntavolata minnhom taht l-artikolu 166A, u l-bejgh gie appuntat bhala Subbasta Numru 55/2010;*

*Illi ghal dawn ir-ragunijiet, l-esponenti ghandhom interess jitolbu sabiex jigu likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti l-kontijiet ta' bejn il-partijiet u kontestwalment intavolaw rikors sabiex jitolbu li l-atti tas-subbasta jigu sospizi.*

Għaldaqstant, l-atturi jitolbu għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. Tiddikjara illi l-esponenti Thomas Zahra ezegwixxa xoghol ta' bini u rrenda servizzi relatati u pprovda materjal lill-konvenuti, filwaqt illi l-konvenuti ghamlu diversi pagamenti fil-kors tax-xogholijiet;*

*2. Tiddikjara illi l-partijiet kienu miftehmin illi x-xoghol jithallas bis-siegha u b'rata stabbilita kontrattwalment bejn il-partijiet, u li ghaldaqstant il-hlasijiet effetwati mill-konvenuti kienu jikkostitwixxu approvazzjoni tas-sighat mahduma u tal-materjal provdut;*

*3. Tiddikjara li permezz tal-verbal tal-25 ta' Jannar 2010 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 10/2010GC (Dok GC) il-konvenuti rrinunzjaw ghall-effetti ta' l-ittra ufficjali Numru 4416/2009 u b'hekk tirrevoka contrario imperio jew tannulla, tirrevoka u thassar id-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tat-12 t'Awwissu 2010 hawn anness;*

*4. Tillikwida kwantu spettanti lill-atturi ghax-xogholijiet li ma gewx imhallsa jew alternattivament tillikwida l-valur totali tax-xogholijiet ezegwiti mill-attur skond ir-rata miftehma bejn il-partijiet;*

*5. Tiddikjara lill-konvenuti debituri ta' l-atturi fl-ammonti rizultanti, tenut kont tal-hlasijiet effetwati, u tordna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-ammont hekk kanozizzat.*

Il-konvenuti pprezentaw twegiba guramentata (15 ta' Dicembru 2014). B'digriet li nghatat fit-30 ta' Jannar 2015, il-qorti ordnat lill-konvenuti sabiex jipprezentaw twegiba li jkun fiha biss id-difiza ghat-talbiet tal-atturi. Waqt is-seduta tas-6 ta' Frar 2015 ipprezentaw l-att, fejn iddikjaraw:

1. Il-konvenuti diga' gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju skond l-Artikolu 199(2) tal-Kap. 12 fil-kawza 359/2011.
2. It-tielet talba hi res judicata gialadarba li talba identika diga' giet deciza b'sentenza tat-13 ta' Frar 2012 fil-kawza 359/2011.
3. It-talba attrici hi preskritta skond l-Artikolu 2148(a) u 2149(a) tal-Kodici Civili.
4. Fil-meritu t-talba attrici hi nfondata ghaliex fil-verita l-atturi huma debituri tal-konvenuti ghas-somma ta' €25,000 u li jirraprezentaw flus zejda li hallsu lill-atturi.
5. Il-konvenuti m'humiex debituri tal-atturi ghaliex l-attur ma lestiex ix-xoghol li kellu jaghmel fi zmien tlett xhur, kif kien miftiehem. Fil-fatt ix-xoghol tkompla minn terza persuna.
6. Fir-rigward tat-tielet talba, din ghandha tigi michuda ghaliex il-konvenuti diga' ghandhom titolu ezekuttiv. Dan kif konfermat fis-sentenza tat-13 ta' Frar 2012.

Il-qorti rat l-atti tal-kawza 359/2011. Semghet il-provi u t-trattazzjoni tad-difensuri.

L-atturi qeghdin jitolbu hlas ghal xoghol ta' bini li sar fil-proprjeta tal-konvenuti. Jirrizulta li bejn il-partijiet kien hemm diga' kawza fl-ismijiet **Thomas Zahra et vs Joseph Cassar et** (359/2011MCH) fejn l-atturi talbu lill-qorti sabiex:

*"1. Tiddikjara illi l-esponenti Thomas Zahra ezegwixxa xoghol ta' bini u rrenda servizzi relatati u pprovda materjal lill-konvenuti, filwaqt illi l-konvenuti ghamlu diversi pagamenti fil-kors tax-xogholijiet;*

*2. Tiddikjara illi l-partijiet kienu miftehmin illi x-xoghol jithallas bis-siegha u b'rata stabbilita kuntrattwalment bejn il-partijiet u li ghaldaqstant il-hlasijiet effettwati mill-konvenuti kienu jikkostitwixxu approvazzjoni tas-sighat mahduma u tal-materjal provdut;*

*3. Tiddikjara li permezz tal-verbal tal-25 ta' Jannar 2010 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 10/2010GC (Dok. GC) il-konvenuti rrinunzjaw ghall-effetti ta' l-ittra ufficjali numru 4416/2009 u b'hekk tirrevoka contrario imperio jew tannulla, tirrevoka u thassar id-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tat-12 ta' Awissu 2010 hawn anness;*

*4. Tillikwida kwantu spettanti lill-atturi ghax-xogholijiet li ma gewx imhallsa jew alternattivament tillikwida l-valur tax-xogholijiet ezegwiti mill-attur skond ir-rati miftehma bejn il-partijiet;*

*5. Tiddikjara illi l-konvenuti debituri ta' l-atturi fl-ammonti rizultanti, tenut kont tal-hlasijiet effettwati, u tordna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-ammont hekk kanonizzat".*

B'sentenza parzjali li nghatat fit-13 ta' Frar 2012 il-qorti ddeciediet:

***"Ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti li ma saret ebda rinunzja ghad-dritt kwezit taghhom ta' kreditu ta' €25,000 u tichad it-tielet talba attrici".***

Mis-sentenza ma sarx appell. Eventwalment fil-kawza 359/11 il-konvenuti gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju skond l-Artikolu 199(2) tal-Kap. 12 (seduta tad-19 ta' Gunju 2014). L-atturi m'ghamlux talba sabiex il-kawza terga' tigi appuntata fit-terminu stipulat fil-ligi.

Fil-kaz tal-lum it-tielet talba hi identika ghat-tielet talba fl-ewwel kawza 359/11 u li dwarha hemm diga' gudikat. L-atturi qeghdin jergghu jifthu kapitolu li nghalaq bis-sentenza tat-13 ta' Frar 2012. Dan mhux possibbli, irrispettivament mill-fatt li fir-rigward tat-talbiet l-ohra ghad m'hemmx gudikat.

B'riferenza ghall-ewwel eccezzjoni, ghalkemm il-konvenuti gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju b'daqshekk ma jfissirx li l-atturi kienu prekluzi milli jergghu jipproponu kawza dwar dawk it-talbiet li fil-kawza 359/11 qatt ma gew decizi. Ordni maghmula *ai termini* tal-Artikolu 199(2) tal-Kap. 12 m'hijiex decizjoni fuq il-meritu tal-kawza. L-ordni li biha l-konvenuti gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju ma kienx jipprekludi lill-atturi milli jergghu jipproponu l-kawza diment li ghadhom fit-terminu (ara **Henry Ellul Sullivan et nomine vs Joseph Dimech**, Qorti tal-Appell, 13 ta' Ottubru 1998).

Fir-rigward tat-tielet eccezzjoni, il-kawza 359/11 ma tistax tghin lill-atturi biex jargumentaw li sakemm inghatat l-ordni li biha l-konvenuti gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju, il-preskrizzjoni kienet sospiza. F'dan ir-rigward il-qorti taghmel riferenza ghall-Artikolu 2132 tal-Kodici Civili. Fis-sentenza **Joseph Aquilina nomine vs Charles Camilleri** deciza minn din il-qorti[1] fl-10 ta' Marzu 2004, intqal:-

*"Jinsab pacifikament akkolt illi fejn dispositTiv ta' sentenza jkun sempliciment jikkonsisti f'liberazzjoni 'ab observantia' ma jistax jinghad li kien hemm gudikat vinkolanti bejn il-partijiet u allura l-kwistjoni tista' tigi riproposta 'ex novo' (**Kollez. Vol. XXXVII pI p149**). Dan ghaliex, kif anterjorment ghal din is-sentenza gie ritenut, "e` positivo che la sentenza liberatoria dell'osservanza del giudizio non sia definitiva in merito e nulla osta perche` le stesse domande sieno riproposte" (**Vol X pagna 653**). F'dan is- sens u kuntest id-decizjoni tat-Tribunal li cahdet l-eccezzjoni tar-'res judicata' kienet guridikament korretta.*

*Premess li l-liberazzjoni mill-osservanza ma testingwix direttament l-azzjoni dan ma jfissirx imbaghad illi l-azzjoni ma tistax tigi indirettament pregudikata u estinta bil-preskrizzjoni taghha jekk din tigi kompjuta fiz-zmien tal-kors u tal-kompiment tal-perenzjoni ta' l-istanza (**Kollez Vol XXXVII pIII p834**)……*

*….. u kif ser jigi dimostrat aktar l-isfel, anke b'referenza ghal xi decizjonijiet fuq din il-materja, l-helsien mill-osservanza tal-gudizzju hi wkoll kontemplata mid-dispost ta' l-Artiklu 2132.*

*Issa s-subinciz (1) ta' l-Artikolu 2132 suddett jipprovdi illi "l-ksur tal-preskrizzjoni maghmul b'talba gudizzjarja jitqies bhallikieku ma sarx, jekk l-attur jirrinunzja ghat-talba, jew jekk il-kawza tigi dezerta, jew jekk it-talba tigi michuda."*

*Biex il-qaghda tigi salvata u l-procediment l-iehor ikun jiswa biex tigi nterrotta l-preskrizzjoni jenhtieg, skond it-termini tat-tieni subinciz tal-precitat artikolu fil-kaz ta' rinunzja jew tac-cahda tat-talba gudizzjarja, illi l-attur jerga' jgib il-quddiem it-talba tieghu quddiem l-istess qorti jew f'qorti ohra fi zmien xahar minn dakinhar tar-rinunzja jew tac-cahda u l-konvenut jigi nnotifikat bil-mod u fiz- zmien preskritti fl-Artikoli 2130 u 2131 tal-Kodici Civili.*

[1] Imhallef P. Sciberras.

*Korrettement intiza din id-disposizzjoni skond l-ispjega fornita mill-Imhallef G. Cremona fil-kawza fl-ismijiet "**Giovanna Scerri pro et noe –vs- Filippo Zammit et**", Prim'Awla, Qorti Civili, 3 ta' Frar 1921 (**Vol XXIV pII p470**), "l'interruzione della prescrizione fatta per mezzo di una domanda giudiziaria si ritiene come non avvenuta se la domanda viene rigettata, anche per liberazione del convenuto dall'osservanza del giudizio, purche l'attore non riproponga l'azione entro un mese."*

*L-istess gudikant sedenti jirreplika din l-istess enuncjazzjoni fis-sentenza fl-ismijiet "**Felice Fenech et – vs- Dr. Roberto Naudi et**", Qorti Kummerc, 18 ta' Mejju 1927 (**Vol XXVI pIII p429**).*

*Din il-Qorti ttendi favur dan l-insenjament u ssib fil-fattispeci illi l-liberazzjoni 'ab observantia' tikkwalifika ukoll bhala "un rigetto della domanda attrici che lasciava di legge in facolta` all'attore di riprodurre la domanda" (**Vol XXIV pII p472**). Dan ghaliex jikkostitwixxi provvediment ta' natura decizorja li ghandu bhala oggett pronunzjament merament processwali u procedurali.*

*Ir-ratio imbaghad tas-subinciz (2) ta' l-Artikolu 2132 hawn kummentat hu dak li anke fil-kaz ta' cahda tat-talba u tal-konsegwenti liberazzjoni jigi mpedut id-dekorriment tal-preskrizzjoni fiz-zmien ghar-realizzar tad-dritt bil-mod gurisdizzjonali, basta s'intendi li jigi osservat, ghal konservazzjoni tal-interruzzjoni, r-riproponiment ta' l-azzjoni fiz-zmien statwit ta' xahar".*

Din il-qorti taqbel perfettament ma' din l-interpretazzjoni. Il-kawza tal-lum giet proposta fit-2 ta' Ottubru 2014, igifieri iktar minn xahar wara l-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju li grat fid-19 ta' Gunju 2014. Ghalhekk japplika l-Artikolu 2132 tal-Kodici Civili, cjoe' li l-ksur tal-preskrizzjoni bil-kawza 359/2011 ghandu jitqies bhala li qatt ma sar.

Il-konvenuti bbazaw l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva fuq l-Artikolu 2148(a) u 2149(a) tal-Kodici Civili. Pero' fil-fehma tal-qorti l-ebda wiehed minn dawn il-provvedimenti ma jista' japplika fil-kaz in ezami. Il-hlas li qeghdin jippretendu l-atturi jirrelata ghal xoghol li ghamel l-attur fit-tieni sular tal-fond tal-konvenuti:-

*"Jien issa minghand Cassar li rrid hu illi jhallasni tax-xoghol tat-tieni sular. Il-bini tat-tieni sular. Tas-saqaf ovvjament m'inhiex nippretendi. Dak m'ghamiltux jien ix-xoghol, ghamlu haddiehor. **L-ammont li ghandi niehu jien gie likwidat mill-Perit Alan Saliba fil-kawza li kellna 359/11**"* (seduta tat-8 ta' Mejju 2015, fol. 95).

Jirrizulta li f'proceduri ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (rikors numru 10/2010/1) il-partijiet kienu ftehemu li jitlesta t-tieni sular u wara jsiru *"….. l-konteggi sabiex jigi stabbilit kemm kien l-ammont tal-hlas zejjed u kemm jista' jkun fadlilhom jaghtu r-rikorrenti u l-intimati"*. Fis-sentenza li nghatat fil-kawza 359/2011 diga' gie determinat li b'dak il-ftehim il-konvenuti ma kienux irrinunzjaw ghat-titolu ezekuttiv li kellhom favur taghhom fir-rigward

tas-somma ta' €25,000 hlas zejjed ghal xoghol li kien sar qabel ma sehh il-ftehim tal-25 ta' Jannar 2010[2]. Ix-xoghol li kompla jaghmel l-attur fit-tieni sular, kien bazat fuq il-ftehim li kkonkludew il-partijiet waqt is-seduta tal-25 ta' Jannar 2010 (rikors 10/2010/1). Il-hlas li jippretendu l-atturi hu bazat fuq dak il-ftehim li wara kollox ta lok ghal holqien ta' obbligazzjoni gdida bejn il-kontendenti. Sfortunatament rega' nqala' ntopp bejn il-partijiet peress li l-attur ma kompliex bix-xoghol ghaliex ippretenda li l-konvenuti kellhom jipprovdulu l-konkos peress li ma kellux il-mezzi biex jixtri l-materjal. Fuq dan il-qorti tifhem li l-konvenuti kellhom dritt joggezzjonaw meta tqies li kienu diga' kredituri b'titolu ezekuttiv ghas-somma ta' €25,000. Skond il-perit Alan Saliba[3], il-valur tax-xoghol li ghamel l-attur wara 'l 25 ta' Ottubru 2010[4] kien ta' **€2,161.26, li ma tinkludix it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud**. Dan jikkontradici dak li ddikjara l-attur fir-rikors guramentat li wara l-ftehim kien ghamel xoghol *"…. li fil-fehma tieghu jiswew madwar €10,000…"*. Il-qorti tosserva wkoll kif f'affidavit li pprezenta fl-ewwel kawza fid-9 ta' Awissu 2011, il-konvenut iddikjara:

*"Illi minkejja li gew moghtija tlett xhur biex ilestu t-tieni sular bl-opramorta u l-kontrabejt, dan ma ghamluhx hlief ghal affairjiet zghar* ***u li ghalhekk il-bilanc illum ta' overpayment kif dikjarat mill-Perit William Debattista huwa ta' cirka EURO 22,000"*** (fol. 45).

Ghalhekk il-konvenut accetta li mis-somma ta' €25,000 kellha titnaqqas is-somma ta' €3,000, ovvjament dan bi tpacija. Hu maghruf li eccezzjoni ta' preskrizzjoni m'hijiex kompatibbli mat-tpacija, fejn min jipproponiha jkun qieghed jammetti li hu wkoll hu debitur tal-parti l-ohra.

Fic-cirkostanzi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ser tigi michuda.

Bil-mod li xehed l-attur fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2015[5] hu evidenti li m'huwiex jippretendi li jerga' jiftah il-kapitolu dwar xogholijiet li ghamel fil-kumplament tal-fond tal-atturi. Inoltre, waqt is-seduta tas-6 ta' Frar 2015 id-difensur tieghu ddikjara:

*"B'riferenza ghan-nota li pprezentaw l-atturi fis-26 ta' Jannar 2015 fol. 64, id-difensur tal-atturi kkonferma li l-ammont pretiz minnhom hu dak li llikwida l-perit tekniku fir-rapport mehmuz man-nota"* (fol. 87)[6].

---

[2] Il-qorti qalet hekk: *"Dak li jsegwi hu illi l-atturi naqsu li jgibu l-prova cara ta' rinunzja tad-drittijiet kweziti tal-konvenuti u ghalhekk ma jistax jinghad illi l-konvenuti rrinunzjaw ghad-drittijiet kweziti bl-ittra ufficjali 4416/2009"*.

[3] Perit tekniku nkarigat fl-ewwel kaz.

[4] Id-data meta sehh il-ftehim quddiem il-qorti.

[5] *"Jien issa minghand Cassar li rrid hu illi jhallasni tax-xoghol tat-tieni sular, il-bini tat-tieni sular"*.

Is-somma li giet likwidata mill-perit Alan Saliba hi ta' **€2,161.26**.

F'kull kaz l-ezercizzju li l-atturi talbu li jsir fir-rikors guramentat ma jistax isir. Is-sentenza parzjali tat-13 ta' Frar 2012 ikkonfermat li l-konvenuti kellhom titolu ezekuttiv favur taghhom. Titolu li jirreferi ghal hlasijiet zejda li l-konvenuti taw lill-atturi fuq xoghol li l-attur kien ghamel qabel sehh il-ftehim tal-25 ta' Jannar 2010 fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (10/2010/1). L-effett tas-sentenza parzjali tat-13 ta' Frar 2012 hu li xoghol li sar qabel 'il 25 ta' Jannar 2010 hu issa kapitolu maghluq.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **Tichad l-ewwel eccezzjoni.**
2. **Tilqa' t-tieni eccezzjoni fir-rigward tat-tielet talba.**
3. **Tichad it-tielet eccezzjoni.**
4. **Tilqa' r-raba' eccezzjoni b'dan pero li tiddikjara li l-atturi huma debituri tal-konvenuti fis-somma ta' tlieta u ghoxrin elf ewro (€23,000), bl-imghax skond il-ligi.**
5. **Tichad it-talbiet tal-atturi.**

**Spejjez in kwantu ghal 10% a karigu tal-konvenuti[7] u l-kumplament a karigu tal-atturi.**

< Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[6] Fl-imsemmija nota gie ddikjarat: *"Li permezz taghha qed jezebixxu rendikont guramentat u dettaljat tal-hlas li jippretendu minghand il-konvenuti liema rendikont qieghed jigi mmarkat bhala Dok TZ1"*. Ir-rendikont jikkonsisti fir-rapport li l-perit Alan Saliba pprezenta fil-kawza 359/2011MC.

[7] Peress li gew michuda zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti.